



PARLAMENT EWROPEW

2009 – 2014

---

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

---

**2010/2307(INI)**

10.2.2011

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar Żgħażaġħ Attivi - qafas biex jittejbu s-sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ  
(2010/2307(INI))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Milan Zver

Rapporteur għall-opinjoni(\*):  
Jutta Steinruck, Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

(\*). Proċedura b'kumitati assoċjati - Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

PR\_INI

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..... 3

NOTA SPJEGATTIVA..... 8

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar Żgħażaġġ Attivi - qafas biex jittejjbu s-sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ (2010/2307(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2010 bit-titolu 'Żgħażaġġ [Attivi]: Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażaġġ biex jinkiseb it-tkabbir bil-ġhaqal, sostenibbli u inklussiv fl-Unjoni Ewropea' (COM(2010)0477),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu 'EWROPA 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 bit-titolu 'Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġġ – Investiment u Responsabbilizzazzjoni'<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat għall-Promozzjoni taċ-Ċittadinanza Attiva<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020")<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ u dwar kompetenzi li jappoġġaw it-tagħlim tul il-ħajja u l-inizjattiva "ħiliet ġodda għal impjiegi ġodda"<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar l-istrateġija l-ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, speċifikament il-parti li tikkonferma l-miri ewlenin dwar it-titjib tal-livelli edukattivi,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni tat-28 ta' Jannar 2011 dwar "Żgħażaġġ attivi" (KtR 292/2010), u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' XX ta' Marzu 2009,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2010)0166

<sup>2</sup> ĠU L 17, 22.1.2010, p. 43.

<sup>3</sup> ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

<sup>4</sup> ĠU C 135, 26.5.2010, p. 2 u p. 8.

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0000/2011),

- A. billi, fil-prospettiva tal-istrateġija UE 2020, l-għerf u l-kapaċitajiet taż-żgħażaġh huma essenzjali biex jinkisbu l-oġettivi ta' tkabbir intelliġenti, inklussiv u sostenibbli,
- B. billi ż-żgħażaġh għandhom irwol fundamentali fil-ħames miri ewlenin tal-UE għall-2020: l-impjiegi, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-klima u l-enerġija, l-educazzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar,
- C. billi l-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi ssaħħaħ l-Istrateġija eżistenti tal-UE għaż-żgħażaġh (COM(2009)0200) billi tarma liż-żgħażaġh bl-għerf u l-kapaċitajiet meħtieġa għall-aċċess għas-suq tax-xogħol,
- D. billi Żgħażaġħ Attivi, inizjattiva emblematika tal-istrateġija UE 2020, hi mmirata biex issaħħaħ il-ġibda tal-educazzjoni oġhla tal-Ewropa u l-kwalità globali ta' kull livell tal-educazzjoni u t-taħriġ u l-kwalità tal-mobilità tal-istudju u tax-xogħol permezz ta' użu aħjar tal-programmi eżistenti Ewrope,
- E. billi, minħabba l-kriżi ekonomika, l-Istati Membri qed inaqqsu l-investment fl-educazzjoni u t-taħriġ, b'mod li jaffetwa direttament il-prospetti taż-żgħażaġh għall-ġejjieni, waqt li l-Ewropa qed taffaċċja sfida demografika dejjem tiżdied għall-kisba tat-tkabbir mixtieq,
- F. billi l-kostijiet ekonomiċi ta' nuqqas ta' rendiment edukattiv huma sinifikattivament oġhla mill-kostijiet tal-kriżi finanzjarja,
- G. billi l-educazzjoni hi fundamentali biex jitrawmu l-kreattività u l-potenzjal innovattiv taż-żgħażaġh; billi l-educazzjoni tagħti lin-nies l-għodda neċessarja biex jiżviluppaw intelletwalment u soċjalment,
- H. billi diversi riċerki juru li l-mobilità tikkontribwixxi lejn sens ta' ċittadinanza Ewropea u involviment fil-proċessi demokratiċi,
- I. billi l-proċess ta' Bologna, fl-ewwel deċennju tiegħu, iltaqa' ma' ħafna diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-oġettivi tiegħu għall-iżvilupp tal-qasam tal-educazzjoni oġhla Ewropea,
- J. billi t-tnaqqis tan-numru ta' persuni li jtilqu prematurament mill-iskola jiżvolġi rwol pivotali kemm biex iż-żgħażaġh ma jirriskjawx l-esklużjoni soċjali u l-faqar, kif ukoll biex jittejeb u jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol,
- K. billi l-kriżi enfasizzat il-ħtieġa li l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna jiġu rriformati, u l-urġenza ta' sistemi għal educazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja fuq xiex jissejsu dawn ir-riformi, biex l-Ewropa tkun armata aħjar biex taffaċċja l-isfidi ta' llum u ta' għada,
- L. billi l-volontarjat jirrappreżenta opportunità importanti biex jinkisbu aktar kompetenzi, peress li jgħin liż-żgħażaġh jiżviluppaw sens ta' responsabilità

soċjali, speċjalment fil-qafas tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011,

- M. billi l-involviment taż-żgħażaġh fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu rwol pivotali sabiex jipprovdihom sens ta' sjieda u jiżgura li qed jikkontribwixxu b'mod attiv il-fehmiet tagħhom għal strateġija taż-żgħażaġh,

*Rimarki ġenerali u appoġġ finanzjarju*

1. Jilqa' l-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi bħala inizjattiva politika biex jitħeġġu l-programmi eżistenti fil-qasam tal-edukazzjoni, il-mobilità u ż-żgħażaġh u bħala inkoraġġiment għall-Istati Membri biex jilhqqu l-miri tal-istrateġija UE 2020;
2. Jindika li l-investment fl-edukazzjoni hu, bla ebda dubju, essenzjali għal kull tkabbir u żvilupp sostenibbli u li, anke fi żminijiet ta' kriżi ekonomika, il-finanzjament taż-żgħażaġh u l-edukazzjoni m'għandux jiġi kkunsidrat bħala spiża fiż-żmien attwali, imma bħala investment fil-ġejjieni tal-Ewropa;
3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea timmonitora mill-qrib u tanalizza l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni bl-intenzjoni li tgħin lill-Istati Membri fil-proċess;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew dwar l-effikaċità tal-azzjonijiet fundamentali tal-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvesti fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażaġh bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażaġħ fl-Azzjoni;
6. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw investment akbar fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'kull livell u jappoġġaw finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-programmi ta' mobilità tal-UE fil-livell nazzjonali;

*Iż-żgħażaġh u l-mobilità*

7. Jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet Ewropej isaħħu d-djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-partijiet interessati l-oħra biex jiddibattu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet għaż-żgħażaġh;
8. Jaqbel li l-azzjoni trid tittieħed minn età bikrija sabiex ir-rata ta' dawk li jitolqu prematurament mill-iskola titnaqqas għal 10%, kif miftiehem fl-Istrateġija UE 2020; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu r-rati ta' dawk li ma jkomplux l-iskola;
9. Jitlob li jingħataw attenzjoni u appoġġ speċjali lil dawk li qed jirriskjaw l-aktar u dawk li qed ifittxu ċans ieħor biex jerġgħu lura fl-edukazzjoni wara li jkunu telqu;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor data fil-livelli nazzjonali u reġjonali dwar ix-xkiel prattiku għall-mobilità, u tiegħu passi biex teliminah sabiex tiżgura mobilità ta' kwalità għolja disponibbli għal kulħadd;
11. Jindika l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-istudenti jkunu mobbli u jkollhom sistema tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa u portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin;
12. Jirrikonoxxi li l-istudenti b'diżabilità, kif ukoll l-istudenti li jkollhom it-tfal, għandhom jingħataw appoġġ addizzjonali biex jieħdu sehem fil-mobilità;
13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti;
14. Ifakkar lill-Istati Membri jintroduċu t-tagħlim ta' lingwa oħra minn stadju bikri fil-ħajja (skola preprimarja); jindika li għal dawk li ma jkunux jafu lingwa oħra, il-mobilità qatt mhu se ssir realtà;
15. Jilqa' l-azzjonijiet fundamentali ġodda tal-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi, bħal sit uniku u ċentrali fuq l-internet dwar il-mobilità, karta tal-mobilità u Passaport Ewropew tal-Kapaċitajiet li kollha kemm huma jaġġornaw għodda utli li diġà teżisti fil-qasam tal-mobilità;

*L-edukazzjoni oġhla Ewropea u l-proċess ta' Bologna*

16. Jisħaq fuq l-importanza li jinfetaħ djalogu ġdid, aktar kostruttiv bejn il-partijiet interessati kollha fil-proċess ta' Bologna, waqt li jitqiesu u jintiżnu l-esperjenzi pożittivi tiegħu, kif ukoll il-fallimenti tiegħu, sabiex ikompli jittejjeb;
17. Jemmen b'mod qawwi li l-awtonomija tal-universitajiet hi meħtieġa imma fl-istess ħin jisħaq fuq ir-responsabilità tal-universitajiet lejn is-soċjetà;
18. Jindika l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn is-sistemi ta' edukazzjoni oġhla fuq naħa u l-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà b'mod ġenerali fuq l-oħra, permezz ta' kurrikuli xierqa għall-kapaċitajiet u l-impjegji tal-ġejjieni;
19. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jappoġġaw u jsaħħu l-koperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji;
20. Jinkoraġġixxi lill-universitajiet iqarrbu l-programmi u l-istrutturi tagħhom lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol u jesploraw metodi ġodda ta' koperazzjoni ma' kumpaniji privati u pubbliċi;
21. Jissuġġerixxi li, minflok is-sistema għall-klassifikazzjoni globali tal-universitajiet, il-Kummissjoni tintroduċi sistema bbażata fuq l-informazzjoni dwar il-programmi tal-universitajiet Ewropej li, fost affarijiet oħra, tkun tirrapporta b'mod regolari lill-pubbliku dwar l-impjegabilità tal-istudenti f'kull programm;

*L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali*

22. Jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jżidu l-ġibda u l-kwalità tal-  
edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala reazzjoni għas-suq tax-xogħol li qed  
jinbidel, li sal-2020 se jirrikjedi għerf u kapaċitajiet ġodda bbażati fuq diplomi li  
għandhom ikunu rikonoxxuti reċiprokament fl-Istati Membri kollha;
23. Jisħaq fuq l-importanza li jingħata appoġġ għall-mobilità fil-qasam tal-  
edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali billi l-istudenti f'dan il-qasam jingħataw  
informazzjoni, pariri, gwida u strutturi ospitanti meta jkunu msefrin;
24. Jenfasizza d-diffikultajiet li wieħed jaffaċċja meta jgħaddi lejn l-edukazzjoni  
ogħla mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u jisħaq fuq il-fatt li l-  
istituzzjonijiet tat-tagħlim iridu jadattaw ruħhom biex jiffaċilitaw din it-  
tranżizzjoni b'mod aktar faċli;

*It-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol*

25. Jisħaq b'mod qawwi fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol bla  
intoppi jiddependi prinċipalment fuq il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-  
edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet sabiex jiġi żgurat li l-  
programmi ta' studju tagħhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;
26. Jappoġġa b'mod qawwi l-mira tal-UE li 40% taż-żgħażaġh jispiċċaw l-  
edukazzjoni terzjarja (jiġifieri edukazzjoni ogħla u vokazzjonali)
27. Jisħaq fuq l-importanza ta' strumenti ta' gwida għaż-żgħażaġh biex jgħinuhom fl-  
għażliet edukattivi u professjonali tagħhom mill-iskejjel primarji sa livelli ogħla  
ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jitħejjew aħjar għal tranżizzjoni bla intoppi lejn  
ħajja attiva;
28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta'  
traineeship ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju kollha sabiex jippermettu li  
ż-żgħażaġh jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-  
xogħol;
29. Jisħaq fuq il-fatt li l-għan aħħari tal-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi mhuwiex biss li  
ttejjeb is-sistemi edukattivi Ewropej u żżid l-impjegabilità taż-żgħażaġh imma  
wkoll li toħloq ambjent soċjali fejn kull żaġżuġh ikun jista' jilħaq il-potenzjal u l-  
aspirazzjonijiet tiegħu;

o

o o

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-  
Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

L-inizjattiva Żgħażaġġ Attivi hi waħda mis-seba' inizjattivi emblematiċi li jinsabu fl-Istrateġija Ewropa 2020 tal-Kummissjoni Ewropea għall-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. L-inizjattiva Żgħażaġġ Attivi tinkludi 28 azzjoni fundamentali u miżuri konkreti biex jiżdiedu l-edukazzjoni u t-taħriġ għaż-żgħażaġġ permezz tal-mobilità u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni taż-żgħażaġġ mill-edukazzjoni lejn is-suq tax-xoġhol. Dan hu partikolarment importanti llum, peress li ż-żgħażaġġ, li huma wieħed mill-gruppi soċjali li ntlaqat l-aktar mill-kriżi finanzjarja globali u li fl-istess ħin żvolġew l-iċken rwol fil-kawżi tagħha, iridu jingħataw appoġġ biex jidħlu fis-suq tax-xoġhol sabiex jiżguraw il-futuri tagħhom, kif ukoll jirfdu l-ekonomija. Iż-żgħażaġġ huma dawk li għada se jkunu qed jieħdu d-deċiżjonijiet, u hi xi ħaġa vitali li llum ikunu jistgħu jiżviluppaw il-kompetenzi, il-kapaċitajiet u l-għerf li se jippermettulhom jikkontribwixxu b'mod attiv għat-tkabbir u l-ġejjieni sostnut tal-Unjoni Ewropea fis-snin li ġejjin u jiksbu l-għanijiet stipulati fl-istrateġija tal-UE għat-tkabbir.

L-inizjattiva hi intenzjonata biex jinkisbu l-miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 li s-sehem ta' dawk li jutilqu prematurament mill-iskola jitnaqqas minn 15% għal 10% u li s-sehem ta' dawk b'edukazzjoni terzjarja jiżdied minn 31% sa 40% sal-2020. It-tluq prematur mill-iskola joħloq ir-riskji li ż-żgħażaġġ jispiċċaw qegħdin u jgħixu fil-faqar, li jwasslu għal spejjeż soċjali u ekomiċi kbar. Bħalissa, 14.4% ta' dawk b'età bejn it-18 u l-24 sena fl-UE ma laħqux l-edukazzjoni sekondarja ogħla u mhumiex qed jirċievu edukazzjoni u taħriġ ulterjuri. Barra minn hekk, madwar 21% taż-żgħażaġġ fl-UE m'għandhomx xoġhol.

L-inizjattiva żgħażaġġ attivi tiffoka fuq il-mobilità tat-tagħlim, imma hu essenzjali wkoll li jiġi żgurat li l-edukazzjoni li qegħdin jirċievu tkun tikkorrispondi mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xoġhol li jkollhom il-kapaċitajiet u l-għerf li se jkollhom bżonn. Sal-2020, huwa stmat li 35% tal-impjeggi kollha se jirrikjedu kwalifiki ta' livell għoli (meta mqabbel ma' 29% tal-lum), differenza li tammonta għal 15-il miljun impjieg ieħor. L-inizjattiva Żgħażaġġ Attivi hi intenzjonata biex iżżid il-mobilità taż-żgħażaġġ billi timmira li tiżgura li, sal-2020, iż-żgħażaġġ kollha fl-UE jkollhom iċ-ċans jistudjaw barra. Il-mobilità hi importanti biex wieħed jitgħallem dwar kulturi oħra, imma anke biex jifhem aħjar il-kultura tiegħu stess. Anqas minn terz tal-popolazzjoni tal-UE għandha lawrija tal-edukazzjoni ogħla, meta mqabbel ma' aktar minn 40% fl-Istati Uniti u aktar minn 50% fil-Ġappun, u għaldaqstant l-Ewropa trid iżżid dawn in-numri sabiex tkun tista' ssir aktar kompetittiva f'ekonomija globali li qegħda dejjem tiżdied.

L-istrateġija timmira li żżid il-mobilità għaż-żgħażaġġ kollha, mhux biss dawk li qegħdin fl-edukazzjoni ogħla. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja, li l-UE ffukat fuqhom fl-2002 fil-proċess ta' Kopenhagen, huma essenzjali biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xoġhol tal-lum. L-inizjattiva Żgħażaġġ Attivi se ttejjeb il-mobilità fit-tagħlim għaż-żgħażaġġ fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, li se tkompli tgħin biex jitnaqqas il-qgħad.

L-Istati Membri tal-UE diġà wrew ir-rieda li jaħdmu flimkien biex jiksbu tkabbir ekonomiku intelliġenti, sostenibbli u inklussiv meta qablu mal-Istrateġija Ewropa 2020. Hu essenzjali li jkomplu b'dan l-impenn biex jiżguraw li ż-żgħażaġġ tal-Ewropa ma jiċċahdux mill-



opportunitajiet li jiżviluppaw lilhom infushom u jikkontribwixxu għat-tiżiħ tal-prosperità tal-Unjoni Ewropea fil-ġejjieni.

Dan ir-rapport se jiffoka prinċipalment fuq l-aspetti edukattivi tal-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi, li hi intenzjonata biex titnaqqas ir-rata ta' dawk li jtilqu prematurament mill-iskola, jiżdied in-numru ta' persuni b'edukazzjoni terzjara, tiżdied il-ġibda tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u jiżdied ir-rikonoxximent tal-edukazzjoni mhux formali u l-edukazzjoni informali. L-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi hi strateġija politika speċifika għaż-żgħażaġh biex tiffavorixxi programmi eżistenti, kif ukoll tinkludi azzjonijiet fundamentali ġodda fis-snin li ġejjin, li se jikkomplementaw l-istrutturi eżistenti u jibnu fuq is-suċċess tal-qafas strateġiku eżistenti.

### *Rimarki ġenerali*

Attwalment, ma ġie allokat l-ebda baġit addizzjonali għall-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi. Sabiex jiġi evitat li din l-istrateġija l-ġdida teżisti biss bħala kunċett, hu essenzjali li **l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom** għaliha kemm f'termini ta' appoġġ finanzjarju u kemm fl-implimentazzjoni nazzjonali tagħha fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, u li jiġi adottat **baġit tal-UE** għaliha. L-Istati Membri għandhom iqisuha bħala **investment fit-tul**, mhux biss fl-edukazzjoni taż-żgħażaġh imma fil-prosperità ġejjiena tal-pajjiżi individwali tagħhom u tal-UE kollha kemm hi. Hu importanti ħafna li l-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi tintrabat b'mod li ma jinħallx mal-istrateġija tat-tkabbir globali sabiex jiġu attratti biżżejjed riżorsi u impenn politiku. Apparti l-finanzjament għall-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi, hu vitali li l-programmi eżistenti bħal Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig, Żgħażaġħ fl-Azzjoni u Marie-Curie jibqgħu jirċievu finanzjament u appoġġ politiku. Dawn il-programmi diġà wrew tajjeb ħafna xi jsarrfu u hu imperattiv li jkunu jistgħu jkomplu jiffjorixxu.

Anke ż-żgħażaġh, bħala partijiet interessati u esperti fundamentali dwar il-kwistjonijiet li jolqtuhom, iridu jkunu involuti matul il-proċess sħiħ tal-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi u jieħdu sehem fid-djalogu strutturat mal-UE, involviment u sehem li min-naħa tagħhom jgħinu fit-tneġġiġ u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva. Dan jinkludi proċessi ta' konsultazzjoni, l-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-programmi assoċjati, il-valutazzjoni tal-effikaċità tagħha u suġġerimenti għal titjib fil-ġejjieni. Barra minn hekk, is-soċjetà ċivili żvolġiet u għadha tiżvolġi rwol fundamentali fil-kwistjonijiet dwar iż-żgħażaġh fl-UE, u l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jaħdmu mill-qrib ma' dawn l-organizzazzjonijiet biex jikkapitalizzaw fuq l-għerf u l-esperjenza tagħhom u jiżguraw li l-isforzi eżistenti ma jiġux idduplikati bla bżonn.

### *Mobilità*

Waqt li l-promozzjoni tal-mobilità taż-żgħażaġh fl-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi hi xi ħaġa ta' min jilqagħha, hu rikonoxxut li hu essenzjali li **jintgħelbu l-ostakoli u x-xkiel prattiċi għall-mobilità**, kif tixhed il-Green Paper dwar il-Mobilità tat-Tagħlim. Dawn jinkludu diffikultajiet bil-viżi, dokumenti mediċi f'islna differenti, problemi ta' portabilità (trasferibilità) tal-boroż ta' studju meta wieħed isiefer u l-fatt li jista' jkun hemm bżonn ta' appoġġ finanzjarju addizzjonali meta wieħed imur f'destinazzjonijiet għaljin, bħall-Isvezja u d-Danimarka. **Ir-rikonoxximent taż-żmien li wieħed iqatta' barra u tal-kwalifiki mill-pajjiżi l-oħra tal-UE** għandu jiġi promoss aktar. Barra minn hekk, hu rikonoxxut li l-persuni b'diżabilità jaffaċċjaw

saħansitra aktar xkiel għall-mobilità minn dawk li m'għandhomx diżabilità, u għandhom jiġu implimentati mekkaniżmi addizzjonali sabiex jiġi żgurat li jingħataw l-istess opportunitajiet bħal ħadd ieħor. Barra minn hekk, anke l-istudenti b'familji (eż. bit-tfal) għandhom jingħataw appoġġ addizzjonali biex jegħlbu l-isfidi uniċi li se jaffaċċjaw meta jieħdu sehem fil-mobilità edukattiva.

Waqt li l-mobilità tal-istudenti jista' jkollha ħafna effetti pożittivi fuq dawk involuti, hu magħruf ukoll li, jekk tiġi organizzata ħażin, tista' tkun effettivament ta' detriment (eż. esperjenza negattiva ta' kultura ġdida, sens ta' solitudni u nostalġija għal pajjiżhom, eċċ.): għaldaqstant, **il-mobilità ta' kwalità għolja** għandha importanza primarja, u din trid tiġi żgurata u ggarantita għaż-żgħażaġ involuti. Barra minn hekk, l-inizjattiva Żgħażaġ Attivi tiffoka prinċipalment fuq il-mobilità taż-żgħażaġ fl-edukazzjoni terzjarja, imma għandu jiġi enfasizzat ukoll il-valur miżjud tal-mobilità **għall-istudenti fl-edukazzjoni sekondarja**, u l-programmi bħal Comenius għandhom jiġu promossi aħjar lill-Istati Membri, liż-żgħażaġ u lill-ġenituri tagħhom. Il-Presidenza Ungeriża se tkun qed tagħti attenzjoni lill-mobilità waqt il-mandat tagħha u għandna naħtfu din l-opportunità biex il-kwistjoni tingħata prijorità assoluta fid-dibattitu.

#### *L-edukazzjoni mhux formali u l-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġ*

Waqt li l-qgħad fost iż-żgħażaġ bħalissa hu kwistjoni serja fid-dinja kollha li trid tiġi affrontata direttament, wieħed għandu jiftakar li l-mobilità hi xi ħaġa aktar minn sempliċiment dħul fis-suq tax-xogħol; hi ukoll estremament importanti **għall-edukazzjoni mhux formali** li min-naħa tagħha tgħin fl-iżvilupp tal-kompetenzi u l-kapaċitajiet fundamentali fiż-żgħażaġ. Mobilità ta' kwalità hi kruċjali biex jinkisbu **t-tagħlim interkulturali, l-iżvilupp personali u l-multilingwiżmu** għaż-żgħażaġ u l-inizjattiva Żgħażaġ Attivi għandha tiżgura li dawn l-aspetti jingħataw l-attenzjoni u l-appoġġ dovuti. **It-tagħlim tal-lingwi**, b'mod partikolari minn età żgħira, hu fattur li jikkontribwixxi enormement għal mobilità ta' suċċess, kif ukoll għall-iżvilupp b'suċċess ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti oħra.

L-inizjattiva Żgħażaġ Attivi tiffoka fuq l-impjieġ bħala riżultat aħħari, u l-impjieġ hu tabilħaqq problema tal-edukazzjoni, imma anke **tal-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġ u taċ-ċittadinanza attiva**. Il-Presidenza Belġjana kienet ċara ħafna dwar il-valur tal-ħidma taż-żgħażaġ u tal-edukazzjoni mhux formali u hu vitali li l-inizjattiva Żgħażaġ Attivi tkompli tappoġġja dawn iż-żewġ aspetti. Barra minn hekk, il-parteciċipazzjoni attiva taż-żgħażaġ iżżid iċ-ċansijiet ta' mobilità u ta' **involvement fil-proċessi demokratiċi**; il-perċentwali ta' żgħażaġ li vvutaw fl-aħħar elezzjonijiet Ewropej kienet darbtejn ogħla għal dawk li kienu marru fuq skambju Erasmus meta mqabbla ma' dawk li ma kinux. Għaldaqstant, il-programmi eżistenti għandhom ikomplu jiffokaw fuq **iċ-ċittadinanza attiva u l-iżvilupp tal-kompetenzi fundamentali, l-edukazzjoni mhux formali u l-promozzjoni tas-soċjetà ċivili Ewropea**.

#### *Tluq prematur mill-iskola*

L-inizjattiva Żgħażaġ Attivi hi intenzjonata biex tikseb mira ewlenija li n-numru ta' dawk li jtitlqu prematurament mill-iskola jitnaqqas minn 15% għal 10%. Dan il-pass qed jintlaqa' b'sodisfazzjon, imma hu importanti wkoll li jiġu pprovduti l-opportunitajiet għal dawk li telqu prematurament mill-iskola biex jerġgħu lura għall-edukazzjoni aktar tard f'ħajjithom sabiex jiġi żgurat li jibqgħu jeżistu prospettivi għall-mobilità soċjali għan-nies fil-ġejjieni.

### *L-edukazzjoni ogħla u l-proċess ta' Bologna*

Minkejja li saru xi żbalji fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proċess ta' Bologna (fejn tgħallimna ħafna), fl-aħħar mill-aħħar kien proċess pożittiv għaż-żgħażaġh u l-ħtiġijiet edukattivi tagħhom u għandu jkompli jiġi implimentat fil-ġejjieni. Is-suq tax-xogħol inbidel b'mod sinifikanti dan l-aħħar u hu għalhekk essenzjali li s-sistemi edukattivi jkunu konformi mal-ħtiġijiet tas-suq u jkunu relevanti għad-domandi tiegħu. **Aktar koperazzjoni ta' kwalità għolja bejn l-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni ogħla u d-dinja kummerċjali** trid tiġi inkoraġġuta u promossa sabiex jiġi żgurat li l-edukazzjoni li jirċievu ż-żgħażaġh tkun f'armonija mal-għerf, il-kapaċitajiet, il-kompetenzi u l-esperjenzi li se jirrikjedu biex isibu impjieg. Barra minn hekk, illum hemm ferm wisq mill-edukazzjoni ogħla li hu bbażat fuq għerf teoretiku; waqt li fih innifsu dan hu essenzjali, hu vitali ukoll għaż-żgħażaġh li jiksbu **aktar għerf u esperjenza prattiċi permezz ta' traineeships obligatorji ta' kwalità għolja** (dawn għandu jkollhom status legali sod u għandhom ikunu mħallsin sabiex tiġi żgurata l-inklużjoni ta' żgħażaġh minn kull sfond soċjoekonomiku, u m'għandhomx semplicitment jissostitwixxu impjegji permanenti). Barra minn hekk, **l-impreditorjat fl-edukazzjoni ogħla** għandu jiġi inkoraġġut u appoġġat ulterjorment.

### *L-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali*

Il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol mhumiex relevanti biss għaż-żgħażaġh b'lawrija universitarja, u hu essenzjali li jiġi rikonossut ukoll ir-rwol kbir li jiżvolġu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fit-tranżizzjoni b'suċċess mill-edukazzjoni għall-ħidma u li **l-mobilità tiġi promossa għaż-żgħażaġh kollha**. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ta' spiss ma jingħatawx biżżejjed attenzjoni, u trid issir xi ħaġa biex **jiżdiedu l-prestiġju u r-rikonossiment** ta' dan it-tip ta' edukazzjoni biex aktar żgħażaġh jinġibdu lejha. Barra minn hekk, irid ikun hemm strutturi ta' appoġġ xierqa għall-istudenti żgħar tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali li jkunu qed jistudjaw barra, u l-programm **Leonardo da Vinci** għandu jiġi promoss dejjem iżjed sabiex jiżdiedu l-viżibilità tiegħu u l-parteċipazzjoni fih.

Hemm rabta b'saħħitha bejn kif in-nies jipparteċipaw fis-soċjetà u l-livell ta' edukazzjoni li jkollhom. Jiġri ta' spiss ħafna li **l-parteċipazzjoni politika u ċ-ċittadinanza attiva** jkunu ddominati mill-istudenti universitarji meta mqabbla ma' żgħażaġh oħrajn. Il-promozzjoni u ż-żieda tar-rikonossiment tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għalhekk se jgħinu jiżguraw li spettru usa' ta' żgħażaġh minn firxa usa' ta' sfondi u esperjenzi jistgħu jiġu armati bil-konfidenza u l-kompetenzi biex isiru ċittadini attivi u jieħdu interess fil-kwistjonijiet politiċi li jaffetwawhom.

### *Konklużjoni*

Fl-aħħar mill-aħħar, l-aktar fatturi importanti fil-mobilità edukattiva huma l-iżgurar ta' kwalità għolja, waqt li, fl-istess ħin, issir aċċessibbli għaż-żgħażaġh kollha. L-UE għandha għalhekk tħeġġeġ lil aktar Stati Membri jissieħbu mal-Karta ta' Kwalità tal-Kummissjoni għall-Mobilità.